# JIXRAQ ĦAFNA LI TISPIĊĊA

Iva, jixraq ħafna li tispiċċa din il-fehma li għandna, hawn Malta, illi bil-malti jista' kulħadd jikteb kif irid u jkun kiteb tajjeb. Din il-ħaġa ma saret qatt fl-ebda naħa tad-dinja, u ma kienx imissha saret f' pajjiżna. Qatt ma nsama' illi wiħed taljan, jew franciż, jew ingliż, jew li trid, għamel f'rasu li jikteb u joħroġ ktieb biex igħid xi ħaġa lill-pajżani tiegħu, u qabel ma medd għonqu għall-kitba ma ntafax, għallinqas xi ftit, għall-istudju tal-lsien li fih ried imedd il-ktieb tiegħu. Għaliex, ingħiduha kif inhi, trid tkun ras ftit u xejn battala biex ma tifhemx illi jekk il-ħsieb hu l-materja ta' kull kitba, il-lsien hu l-għodda; u li mingħajr dawn iż-żewġ ħwejjeġ flimkien ma tista' qatt tagħti ħaġa tajba.

Kieku dan kien isir biss f'xi artikoli ta' ġurnali politiki fejn wieħed jista' jaħseb illi l-fehma tal-kittieb hi li jgħid xi ħaġa għal dik il-ħabta biss, u jkun biż-żejjed li l-qarrej bi ftit tal-għaqal jaqbad dak li jridu jfehmuh u mbagħad jaqbad il-ġurnal u jwaddbu f'rokna, kien wieħed jista', kif igħidu, jagħlaq għajn waħda; iżda meta dan isir minn kittieba li għandek taħsibhom għaqlin, u jsir f'kotba ta' erba' jew ħames-mitt-faċċata, u maħsubin biex jibqgħu għal dejjem, ma jtikx li ma tgħidx xi ħaġa.

Issa l-ħelu qiegħed hawn: staqsi lil xi wieħed minn dawn il-kittieba: "Għaliex jaħasra tikteb hekk ħażin bil-malti, fil-waqt illi bi ftit ta' l-istudju u bi ftit tal-għaqal u tas-sabar, tista' tikteb tajjeb u tagħmel ħaġa sabiħa, ħaġa artistika?" Dan il-flien tisimgħu jwieġeb: U... għax jiena rrid nagħmel ftit tal-ġid biss; ma noqgħodx infittex irqaqat fil-kitba.

U ma jifhemx dan il-ħali illi jkun qiegħed igħid ħaġa belha. Għaliex jekk il-qarrej ikun hekk kajman li ma jagħmel ebda divrenzja bejn ħaġa kergħa u ħaġa sabiħa, bejn ħaġa tajba u ħaġa ħażina, ma jista' jieħu ebda ġid

minn dak il-ktieb, u aktarx jibqa' fejn ikun: l-iżjed, l-iżjed ikun għadda, jew tilef, siegħa żmien jaqra; fil-waqt illi jekk il-qarrej jinzerta minn dawk li għandhom ftit tad-dehen u ġibda għall-Arti, malli jaqra l-ewwel erba' faċċati jiddejjaq, iwaddab il-ktieb f'rokna u flok ġid il-ktieb ma jagħmillux ħlief dwejjaq.

Kollu ċajt: is-sabiħ jingħoġob aktar; u ktieb sabiħ flok darba jinkara darbtejn u iżjed, u jagħmel ġid mhux lil nisel wieħed, iżda lil bosta.

"Nazju Ellul" ta' Ġuże Muscat Azzopardi jaqrah kull-ħadd, sew min jaf bil-malti biss, u sew min jaf b' ħafna ilsna, għaliex miktub tajjeb. Hawn xi poeżijiet maltin li inqraw minn kull klassi ta' nies, u mhux hawn Malta biss, iżda fl-Ingilterra, fi Franza, fil-Ġermanja u fl-Orjent u nqalbu f' ilsna oħra minn nies letterati li tellgħuhom mogħla s-sema bit-tifħir.

Min jaħseb li jista' jagħmel il-ġid, (nifhem ġid tar-ruħ u tal-ġisem) b'kotba miktuba ħażin jidher jew li ma għandux dehen biż-żejjed, inkella li ma għandux sabar jistudja ftit il-lsien tiegħu.

Għalhekk din il-għada ħażina u din il-fehma mgħawġa li bil-malti tista' tikteb kif trid, jixraq ħafna li tispiċċa.

Dun Karm